32000R2786

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2786/2000

tad-19 ta' Diċembru 2000

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1623/2000 li jagħmel regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid dwar il-mekkaniżmi tas-suq

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju, 1999, dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid [1], u partikolarment Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

(1) Artikolu 63 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 [2], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2409/2000 [3], jagħmel regoli għall-applikazzjoni tad-distillazzjoni, kif imsemmi f'Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, u paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu jistabbilixxi d-dati li fihom l-Istati Membri għandhom jibagħtu avviż darbtejn fix-xahar tal-kuntratti magħmula għal dik id-distillazzjoni. Minħabba l-btajjel fi żmien il-Milied f'ċerti Stati Membri, id-data ta' l-ewwel avviż f'Jannar għandha titressaq lura.

(2) L-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 100(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 jiffissa ċerti limiti dwar telf ammissibbli ta' alkoħol fi prodotti distillati mill-inbid matul id-diversi stadji ta' ħażna u trasport. It-tieni u t-tielet subparagrafi ta' dak il-paragrafu jagħmlu regoli għall-applikazzjoni waħda ta' dawk il-limiti. Dawk ir-regoli huma ħżiena u għandhom ikunu emendati.

(3) Il-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni ta' l-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sentenza li ġejja hija b'dan miżjuda ma' Artikolu 63(4) tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000:

"Iżda f'Jannar dak l-avviż għandu jsir fl-għaxar minflok fil-ħames jum tax-xahar."

Artikolu 2

1. It-tieni subparagrafu ta' Artikolu 100(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-ħames u/jew is-sitt perċentwal jistgħu jingħaddu mat-tieni u t-tielet perċentwal."

2. It-tielet subparagrafu ta' Artikolu 100(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Is-seba' u/jew it-tmien perċentwal jistgħu jingħaddu mar-raba' perċentwal."

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Diċembru, 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1.
[2] ĠU L 194, tal-31.7.2000, p. 45.
[3] ĠU L 278, tal-31.10.2000, p. 3.